

Komunikazzjoni mill-Gvern Franċiż dwar id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi ⁽¹⁾

(Avviż dwar it-talba għall-permess esklussiv għat-tiftix ta' idrokarburi likwidi jew fil-forma ta' gass imsejjaħ "Permis de l'Ourcq")

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 117/04)

Permezz ta' applikazzjoni bid-data tal-31 ta' Mejju 2008, il-kumpanija Galli Coz, li għandha s-sede tagħha f'50 rue du Midi, 94300 Vincennes, Franza, talbet għal permess esklussiv ta' ħames snin għall-prospettar għall-idrokarburi likwidi jew fil-forma ta' gass, imsejjaħ "Permis de l'Ourcq", fuq medda ta' madwar 1 444 kilometru kwadru, li tagħmel parti mid-dipartiment ta' l'Aisne.

Il-perimetru ta' din il-liċenzja huwa magħmul mill-arċi tal-meridjani u l-paralleli li suċċessivament jgħaqqdu l-punti definiti bil-koordinati ġeografiċi tagħhom fit-tabella ta' hawn taħt (NTF il-meridjan ta' Pariġi):

Punti	Lonġitudni	Latitudni
A	1,50 gr Lvant	55,00 gr Tramuntana
B	1,00 gr Lvant	55,00 gr Tramuntana
C	1,00 gr Lvant	54,90 gr Tramuntana
D	0,90 gr Lvant	54,90 gr Tramuntana
E	0,90 gr Lvant	54,70 gr Tramuntana
F	1,00 gr Lvant	54,70 gr Tramuntana
G	1,00 gr Lvant	54,50 gr Tramuntana
H	1,30 gr Lvant	54,50 gr Tramuntana
I	1,30 gr Lvant	54,60 gr Tramuntana
J	1,40 gr Lvant	54,60 gr Tramuntana
K	1,40 gr Lvant	54,90 gr Tramuntana
L	1,50 gr Lvant	54,90 gr Tramuntana

It-tressiq tal-applikazzjonijiet u l-kriterji għall-għoti tad-drittijiet

Dawk li jressqu l-applikazzjoni inizjali u l-applikazzjonijiet kompetittivi għandhom jagħtu prova li jissodisfaw il-kundizzjonijiet definiti fl-Artikoli 4 u 5 tal-liġi Nru 2006-648 tat-2 ta' Ġunju 2006 dwar id-drittijiet minerarji u d-drittijiet tal-ħżin taħt l-art (*Journal officiel de la République française* tat-3 ta' Ġunju 2006).

Il-kumpaniji interessati jistgħu jippreżentaw applikazzjoni kompetittiva fi żmien disgħin jum mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, f'konformità mal-proċedura miġbura fl-"Avviż dwar il-ksib ta' drittijiet minerarji għall-idrokarburi fi Franza", ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej C 374 tat-30 ta' Diċembru 1994, paġna 11, u stabbiliti bil-liġi Nru 2006-648 dwar id-drittijiet minerarji u l-ħżin taħt l-art. L-applikazzjonijiet kompetittivi għandhom jintbagħtu lill-Ministru inkarigat mill-minjeri fl-indirizz mogħti hawn taħt.

Id-deċizzjonijiet dwar l-applikazzjoni inizjali u l-applikazzjonijiet kompetittivi isiru bl-applikazzjoni tal-kriterji għall-għoti ta' dritt minerarju definiti fl-Artikolu 6 tal-liġi msemmija, u jsiru sa mhux aktar tard mit-2 ta' Ġunju 2010.

(1) ĠU L 164, 30.6.1994, p. 3.

Il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti għall-eżerċizzju tal-attività u għall-waqfien tagħha

L-applikanti huma mistiedna jirreferu għall-Artikoli 79 u 79.1 tal-kodiċi minerarju u għal-liġi Nru 2006-649 tat-2 ta' Ġunju 2006 rigward il-ftuħ ta' xogħlijiet minerarji, il-ħżin taħt l-art u l-pulizija tal-minjieri u l-ħażniet taħt l-art (*Journal officiel de la République française* tat-3 ta' Ġunju 2006).

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Ministeru tal-Ekoloġija, l-Enerġija, l-Iżvilupp Sostenibbli u l-Użu tal-Artijiet (Id-Direttorat Ġenerali tal-Enerġija u l-Klima, id-Direttorat tal-Enerġija, is-Sottodirettorat tas-Sigurtà tal-Provvista u tal-Prodotti l-Ġodda tal-Enerġija, l-Uffiċċju tal-Esplorazzjoni u tal-Produzzjoni tal-Idrokarburi), 41, boulevard Vincent Auriol, 75703 Paris Cedex 13, FRANCE (telefown +33 144972302, feks: +33 153941440).

Id-dispożizzjonijiet regolatorji u leġiżlattivi msemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu mil-Légifrance fis-sit:
<http://www.legifrance.gouv.fr>